# Smigħ Tikka Malti 2a

**Testi tal-*podcasts* li jinsabu fuq www.merlinpublishers.com/tikkamalti/2/podcasts.html**

## Taqsima 1: Jien u l-familja

*Paġna 5*

*Dina:* Hello tfal. Tiftakruni? Jiena Dina.
*Dino:* U jien Dino. Dina oħti.
*Dina:* Dino ħija. Aħna dinosawri ċkejknin.
*Dino:* Dawn li qed taraw fl-istampa huma Stefan u ħutu Klara u Sara, il-mamà u l-papà.
*Dina:* Dan ritratt li ħadu meta marru Pariġi. Kien ħadu z-ziju Joe.
*Dino:* Magħhom hemm ukoll il-kuġini Krista u Mikiel. U z-zija Marija fejn hi?
*Dina:* Dik idejquha r-ritratti. Allura ħarbet tiġri meta rat il-*camera*.
*Dino:* Jien nieħu gost bir-ritratti.
*Dina:* Ħalli għalik. Dejjem trid tidher.
*Dino:* U anki nsiefer nieħu gost.
*Dina:* Int ġieli sifirt?
*Dino:* Ħares lejn l-istampa u għid lil sħabek x'qed tara.
*Dina:* U jekk sifirt, għidilna fejn mort u jekk ħadtx gost ukoll!

*Paġna 8*

*Dina:* Jien, qmis, jien, qmis …
*Dino:* Ħeħe, inti qmis? X'inti tgħid Dina?
*Dina:* U le! Xi qmis qmis!
*Dino:* Mhux int bdejt tgħid hekk?
*Dina:* Għax Ms Mallia qaltilna li l-'ie' f'kelma tagħtina ħoss differenti minn 'i' u allura qed nirrepetihom biex nara d-differenza.
*Dino:* Kos hux. Il-vokali 'ie' f'jien għandha ħoss ta' 'i' twila u l-vokali i fi qmis qasira qasira. Bħalna mela Dina, aħna t-tnejn dinosawri imma jiena twil u int qasira.
*Dina:* U mur 'l hemm. Aħna twal indaqs.
*Dino:* Uuu ija!
*Dina:* Anke l-'u' vokali.
*Dino:* Mela liema huma l-vokali?
*Dina:* Fil-Malti għandna sitta: a, e, i, o, u, ie.
*Dino:* Kemm jinstemgħu sbieħ. Ejja ngħiduhom flimkien.
*Dina u Dino:* a, e, i, o, u, ie

*Paġna 10*

Iz-ziju Joe huwa z-ziju tar-rispett. Huwa twil u rqiq. Għandu xagħru qasir u dejjem jidħaq. Iz-ziju huwa mekkanik. Il-mara tiegħu, iz-zija, jisimha Marija u t-tfal tiegħu, il-kuġini, jisimhom Krista u Mikiel. Iz-ziju jħobb jieħu ħafna ritratti sbieħ tal-fjuri u l-annimali! Lili u lil ħuti jħobbna ħafna u dejjem iġibilna xi karozza jew xi pupa. Iz-ziju Joe joqgħod San Ġwann. Bejnietna ... iz-ziju tgħidx kemm iħobb jiekol. U tafu xi jħobb jiekol l-aktar? Il-pizza!

*Paġna 12*

*Dino:* Dina, taf illi ismek tiktbu b'ittra kapitali?
*Dina:* Iva, naf. Dejjem hekk niktbu, anke f'nofs sentenza!
*Dino:* M'hawnx għalik hekk hu. U, ħa nara, karozza kif tiktibha?
*Dina:* K-a-r-o-z-z-a
*Dino:* Iva, imma f'nofs sentenza kif tiktibha?
*Dina:* Niktibha b' 'k' żgħira ... imma fil-bidu b' 'k' kbira.
*Dino:* M'hawnx għalik. Hekk hu! Fil-bidu ta' sentenza dejjem niktbu l-kliem b'ittra kapitali — kbira kbira kbira.
*Dina:* Anke l-kelma *kapitali* niktbuha kbira jekk tkun fil-bidu ta' sentenza!
*Dino:* Mela x'inhu. U fl-aħħar x'nagħmlu?
*Dina:* Fl-aħħar ta' sentenza dejjem nagħlqu b'punt.
*Dino:* Dejjem dejjem? Anke meta nistaqsu?
*Dina:* Le, meta nistaqsu ma nagħmlux punt.
*Dino:* Dażgur! Veru Dina, għandek punt. *(jidħqu)*

*Paġna 13*

**Tlaqna Pariġi**

Stefan u l-mamà ppakkjaw il-ħwejjeġ li se jieħdu magħhom Pariġi. Wara li ppakkjaw kollox, il-papà poġġa l-bagalji fil-karozza. Kemm kienu tqal! Stefan tah daqqa t'id ukoll. Imbagħad telqu lejn l-ajruport. Kif waslu marru jagħmlu ċ-*check-in* u l-mamà uriet il-biljetti u l-passaporti. Waqt li qagħdu jistennew biex jitilqu Stefan qagħad iħares lejn l-ajruplani telgħin u neżlin. Sa fl-aħħar sarilhom il-ħin biex jitilgħu fuq l-ajruplan. Wara xi tliet sigħat waslu Pariġi u niżlu minn fuq l-ajruplan. Kemm se jieħdu gost!

## Taqsima 2 – Id-dar tiegħi

*Paġna 15*

Din il-kamra tas-sodda ta' Klara u Sara. Kemm hi sabiħa hux? Hemm sodda fuq sodda. Ta' isfel ta' Sara u ta' fuq ta' Klara u biex titla' għaliha trid tuża s-sellum. Hemm tapit kbir fin-nofs tal-kamra u fuqu hemm xi ġugarelli li t-tfal jilagħbu bihom. Ara ftit, taħt is-sodda hemm ballun. Klara u Sara jħobbu jilagħbu bil-ballun imma dak il-ballun mhux tagħhom. Ħbewh fil-kamra biex ħuhom ma jsibux. Ajma ħej! Kemm se jdum ifittex!

*Paġna 18*

*Dina:* Annimal, annimal, annimal ...
*Dino:* Iii, prosit!
*Dina:* U le jaħasra Dino mhux lilek qed ngħid.
*Dino:* Mela x'int tagħmel?
*Dina:* Qed naħseb ftit fin-nomi.
*Dino:* Nomi? Dawn xi jkunu?
*Dina:* In-nomi juru persuni, annimali, postijiet u oġġetti.
*Dino:* Stenna stenna. Erġa' ...
*Dina:* In-nomi juru: persuni ...
*Dino:* tifla
*Dina:* annimali
*Dino:* dinosawru
*Dina:* postijiet
*Dino:* kamra tas-sodda
*Dina:* oġġetti
*Dino:* ballun
*Dina:* Hekk hu! Qed tara kif tgħallimthom. Imma issa tista' taħseb f'annimal ieħor għax jien hekk kont qed nipprova nagħmel.
*Dino:* kelb jew … qattus jew tigra jew …
*Dina:* Ow ow ow, biżżejjed Dino. Tfal, issa tistgħu taħsbu f'xi nomi oħrajn?

*Paġna 19*

Silta mill-kanzunetta *Rħewlha lejn il-Qamar*

*Paġna 21 (a)*

**Dil-ġenna ta' ġnien**

U xi ġmiel hawn
F'dan il-ġnien żgħir
Fil-ħamrija s-siġar
Fis-sema t-tajr.

Ta' spiss niġi nħawwel
Ġiżimin u peprin
Ward aħmar u xi qronfol
Kemm huma ħelwin!

*Paġna 21 (b)*

**L-Għanja tal-Ħuta** *ta' Trevor Żahra*

*Paġna 23*

**Fejn mar il-ktieb?**

*Ding Dong*. "Dan min?" ħasbet il-mamà. Il-mamà marret tiftaħ il-bieb u tal-posta qalilha, "Hawn pakkett għalik Sinjura." Kemm tiffirmali hawn jekk jogħġbok. Il-mamà fetħet il-pakkett u fih sabet ktieb. Dan min bagħtulha? Iiii ara, bagħtithulha l-ħabiba tagħha li toqgħod Franza. Il-mamà tħobb taqra. Għalhekk poġġiet fuq is-sufan u bdiet taqra. Ftit tal-ħin wara qamet biex tagħmel ftit te. Sadattant Bonnie, il-kelb, ħataf il-ktieb minn fuq is-sufan. Allura malli l-mama ġiet lura u ma sabitx il-ktieb ħadet qatgħa. "Stenn waħda," ħasbet, "mela jien mhux fuq is-sufan ħallejtu? Fejn mar il-ktieb?" Imbagħad ħarset lejn Bonnie li kien fil-kaxxa tiegħu. "Eħħ ja kelb brikkun. Trid tilgħab donnok int hux? Il-kotba mhux tal-klieb. Int xi għadma tħobb mela dak!"

## Taqsima 3: L-iskola u l-klassi tiegħi

*Paġna 25*

*Kira:* Ej Samwel.
*Samwel:* Xxxxx tgħajjatx Kira. Qegħdin fil-librerija u mhux suppost tgħajjat.
*Kira:* OK mhux se ngħajjat. X'qed taqra?
*Samwel:* Ktieb fuq il-karozzi u int?
*Kira:* Il-ktieb ta' Lupu Lupettu.
*Samwel:* Ta' min?
*Kira:* Ta' Lupu Lupettu. Dan ikun hemm lupu u ma jkunx irid jibqa' iswed. Imbagħad jibda jagħmel minn kollox biex ma jibqax iswed. Ixappap iż-żebgħa ħadra, iwaħħal il-larinġ, jisraq il-fjuri roża u jwaħħalhom miegħu.
*Samwel:* E imbagħad x'jiġri?
*Kira:* Imbagħad darba jidħol inkiss inkiss fil-ġnien ta' ħdejh u jkun hemm pagun rieqed u jaqlagħlu rixu kollu.
*Samwel:* *(ifaqqa' daħqa)*
*Kira:* Xxxxx tgħajjatx.
*Samwel:* Mhux int qed iddaħħaqni! Imbagħad x'jiġri?
*Kira:* Isir il-lupu ta' kull kulur u n-nisa jibdew jiġru warajh u jitfawlu ħafna bews.
*Samwel:* Jaaaaq!
*Kira:* Iva tgħajjatx.
*Samwel:* OK OK skużani.
*Kira:* Imbagħad jiddeċiedi li ma jridx jibdel kuluri u jrid jibqa' iswed kif inhu.
*Samwel:* Sabiħa din l-istorja. Tridx ngħidlek tiegħi fuq xiex inhi?
*Kira:* Le grazzi. Se nibda naqra ieħor għax hemm ktieb ieħor jismu *Lupu Lupettu ma jridx jimxi iktar*.
*Samwel:* Nista' naqra miegħek?
*Kira:* Basta ma toqgħodx tidħaq tgħajjat!

*Paġna 29*

Il-Ħamis, il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd li ġejjin nixtiequ nistednukom tingħaqdu magħna għal *Jum l-Annimali* mill-10 ta' filgħodu sal-5 ta' filgħaxija. Se jkun hemm diversi attivitajiet, logħob, ikel, ferħ, kant u hena. Imma mhux dan biss! Fuq kollox se jkun hemm ħafna annimali bħal għasafar kbar, żwiemel, ħmir, qtates u klieb mill-isbaħ u forsi anki xi mogħża jew xi ħaruf. Mela titilfux din l-okkażjoni sabiħa. Żuruna fil-bitħa tal-iskola ta' Ħal Għaxaq. Narawkom!

*Paġna 33*

**Cinderella**

Darba waħda kien hemm tfajla jisimha Cinderella. Din kienet taħsel u tnaddaf id-dar minn filgħodu sa filgħaxija. Ommha u ħutha l-bniet kienu kattivi wisq magħha. Darba waħda ġew mistiedna l-ballu u huma marru u lilha ħallewha d-dar. Tgħidx kemm bkiet Cinderella għax anki hi xtaqet tmur il-ballu u tiżfen mal-prinċep. Ġara li f'ħin minnhom dehret fatatina u qaltilha, "Jiena se ngħinek tmur il-ballu basta tkun id-dar malli jdoqq nofsillejl." U hekk ġara. Il-libsa l-imqattgħa ta' Cinderella nbidlet f'waħda mill-isbaħ u Cinderella marret il-ballu u żifnet mal-prinċep ... sa ma ... daqqu nofsillejl għax imbagħad kellha titlaq tiġri. Fil-fixla Cinderella ħalliet żarbuna tal-ħġieġ warajha u meta sabha l-prinċep iddeċieda li jdur it-tfajliet kollha biex jara ta' min hi. Allura dar il-pajjiż kollu u qal, "Dik it-tfajla li tiġiha din iż-żarbuna, niżżewwiġha." Meta wasal id-dar ta' Cinderella, ħutha wkoll riedu jippruvaw dik iż-żarbuna imma kollu kien ta' xejn. Il-prinċep bilkemm kien induna b'Cinderella, imma meta raha stedinha toqgħod bilqiegħda biex jara dik iż-żarbuna kinetx tiġiha. U hekk kien. Iż-żarbuna kienet tagħha. Il-prinċep iżżewwiġha u għexu kuntenti għal dejjem ta' dejjem.

## Taqsima 4: L-istaġuni u t-temp

*Paġna 35*

| | |
|---|---|
| *Nathalie:* | Wasal iż-żmien mistenni minn kulħadd<br>Iż-żmien li jġib il-ferħ tal-Karnival<br>U dan iż-żmien tixtieq ma jgħaddi qatt<br>Għalhekk hu żmien ta' boloh spiss jintqal |
| *Nathan:* | Nath, x'int tkanta? |
| *Nathalie:* | Il-kanzunetta tal-Karnival! |
| *Nathan:* | Imma l-Karnival fadallu! |
| *Nathalie:* | Mela għaliex hawn kullimkien imżejjen? Waslet il-festa tar-raħal? |
| *Nathan:* | U le. Dik f'Ġunju ssir, fis-sajf. |
| *Nathalie:* | Allura x'festa hi? |
| *Nathan:* | Il-festa tal-iskola din! Mela int fil-qamar? |
| *Nathalie:* | Bħalissa? Dik mhux fil-ħarifa tkun? |
| *Nathan:* | Le, bħalissa nagħmluha fir-rebbiegħa. Fil-ħarifa ta' San Martin nagħmlu. |
| *Nathalie:* | Ġewż lewż qastan tin kemm inħobbu 'l San Martin. |
| *Nathan:* | Jien qatt ma smajtha din. |
| *Nathalie:* | Le? Tridx ngħiduha flimkien? Ġewż lewż qastan tin kemm inħobbu 'l San Martin. |
| *Nathan u Nathalie:* | Ġewż lewż qastan tin kemm inħobbu 'l San Martin. |
| *Nathan:* | Imma jien lil San Pietru u San Pawl inħobb għax dawk il-patruni tar-raħal tagħna. |

*Paġna 36*

Ir-riħ venven bil-qawwi.
Kelsey ixxarrbet bix-xita. Ġisimha terter bil-bard!
Mark ċekċek snienu.
Ma tantx kien jiflaħ u tgħidx kemm qaħqaħ.
Simon ċafċaf fl-ilma.
Dan x'ħoss hu? Damdam kull m'hawn.
L-ilma ċarċar mal-ħajt.

*Paġna 39*

**Il-poeżija tax-xhur** *ta' Trevor Żahra*

F'Jannar nibdew is-sena,
Fi Frar ikollna l-bard,
Marzu jġib il-bnazzi,
W April jagħtina l-ward;
F'Mejju riħ bil-qawwi,
Ġunju sħana biss,
Lulju bil-vaganzi,
Awwissu ngħumu spiss;
F'Settembru xi ftit beraq,
Ottubru xogħol bil-kwiet,
F'Novembru tibda l-kesħa,
F'Diċembru il-Milied.

*Paġna 41*

Dan huwa Kevin. Xi tgħid jekk inlibbsuh ftit? Imma l-ewwel tajjeb li npinġulu għajnejh, imnieħru u ħalqu. Hekk aħjar. F'rasu Kevin liebes barnuża tas-suf 'ħabba l-bard. Il-barnuża blu. Liebes ukoll ġakketta li hija kulur il-frawli. Għandha tliet buttuni sofor. Għandu l-qalziet kulur il-ħamrija. Kevin liebes ukoll *boots* aħdar. F'id waħda għandu umbrella. U fl-oħra għandu l-basket tal-iskola. Il-basket għandu l-istess kulur tal-buttuni. U l-umbrella? X'kulur hi l-umbrella? Agħżel kulur għall-umbrella int!

*Paġna 43*

**Is-siġra tal-Milied**

Stefan u Anna jħobbu jpinġu u darba waħda meta Anna marret għand Stefan qaltlu, "Tridx inpinġu xi ħaġa?" "Mela le," qalilha Stefan. "X'kuluri trid?" "Jien nixtieq nuża l-akkwarelli," qaltlu. "U jien se nuża l-kuluri tax-xama'." Stefan pinġa lil Santa Klaws u Anna pinġiet siġra tal-Milied. Meta lestew, il-mamà ta' Stefan ħarġet it-tpinġija ta' Anna fil-bitħa biex tinxef imma wara ftit bdiet tqattar ix-xita. Il-kuluri żżellgu kollha minn fuq il-karta u Anna bdiet tibki. Imma Stefan ma riedx jara lill-ħabiba tiegħu tibki, allura qabad u taha t-tpinġiha tiegħu. "Grazzi Stefan," qaltlu Anna, "int l-ikbar ħabib tiegħi!"

*Paġna 44*

**L-Għanja tal-Pitirross** *ta' Trevor Żahra*

## Taqsima 5: It-triq tiegħi

*Paġna 45*

Mhux l-ewwel darba li noqgħod inħares barra mit-tieqa nara xi jkun qed jiġri. Ilbieraħ kienet ġurnata minnhom. Tgħidx kemm kien hemm ġenn. Min miexi fuq il-bankina, min jistenna tal-linja, il-pustier iqassam l-ittri u l-gwardjan jagħti ċ-ċitazzjonijiet. Id-dentist u t-tabiba kellhom in-nies għandhom ukoll. F'daqqa waħda smajt is-sirena ... X'waħda din! X'ġara? Kien hemm dar ftit 'il bogħod minn tagħna li ħadet in-nar. Ma kien hemm ħadd fiha ħlief il-kelb imma miskin, dak kif se joħroġ? Il-pumpiera jafu sew ix-xogħol tagħhom. Wieħed minnhom beda jitfi n-nar u l-ieħor tela' fuq is-sellum biex isalva l-kelb. "Woof woof," qalilhom. Bil-lingwa tagħna tfisser grazzi!

*Paġna 47*

*Dino:* Allura tabib raġel u tabiba mara?
*Dina:* Iva.
*Dino:* Kif tinduna?
*Dina:* Għax tabiba jkollha 'a' bħal mara li għandha 'a'.
*Dino:* U tabib m'għandux?
*Dina:* Eżatt. Pereżempju: Pustier raġel u pustiera mara, jew gwardjan raġel u gwardjana mara.
*Dino:* Iva vera, imma n-nisa kollha jieħdu 'a'?
*Dina:* Kważi imma mhux dejjem. U taf x'ngħidulhom dawn?
*Dino:* X'jiġifieri x'ngħidulhom?
*Dina:* Femminil u Maskil. Femminil għal mara u maskil għal raġel.
*Dino:* Kemm huma tqal.
*Dina:* U le xi tqal. Nistgħu ngħidu *hemm xufiera* mara kif ukoll *hemm xufiera* fil-femminil.
*Dino:* U xufier raġel jew xufier ...
*Dina:* Fil-maskil. Issa tara kemm titgħallimhom malajr!

*Paġna 48*

**Ħarab il-kelb**

Ara Max vera kelb imqareb. Iddejjaq id-dar u ħarab. Telaq. Fejn mar? L-ewwel qagħad idur fil-pjazza. Imbagħad daħal il-posta u keċċewh 'il barra. Wara mar sal-ġnien u għamel dak li kellu jagħmel. Imbagħad mar il-bandli. Mingħalih se jkun hemm xi tfal jilagħbu imma ma kien hemm ħadd għax kulħadd kien l-iskola. Allura ddejjaq il-bandli u daħal sal-knisja. Il-kappillan ma ħax gost u keċċieh 'il barra wkoll. Fl-aħħar ra l-bieb tal-għassa miftuħ u daħal hemm. Kien hemm pulizija li ggustah u qagħad jilgħab miegħu imbagħad qallu, "Int kelb imqareb hux? Min jaf sidek kemm hu inkwetat għalik. Oqgħod hawn ħalli nara ftit min int." Fuq il-kullar kellu ismu, l-indirizz u numru tat-telefon u l-pulizija ċempel in-numru. "*Hello*, għandek xi kelb jismu Max?" "Iva. Ma nafx fejn hu." "Qiegħed hawn l-għassa. Donnu mitluf. Tiġi għalih?" "Iva ġej issa stess." "Issa ara terġa' taħrab!"

*Paġna 48*

**L-Għanja tal-Kelb** *ta' Trevor Żahra*

Paġna 51

*Dina:* Dino, inti taf min ikun hemm fl-ispiżerija?
*Dino:* Ħeqq, ajma, mhux is-Sur Camillieri jkun hemm?
*Dina:* Iva, naf. Imma s-Sur Camilleri x'inhu?
*Dino:* Raġel!
*Dina:* Imma x'jagħmel?
*Dino:* Mela għidli hekk mill-ewwel. Is-Sur Camilleri spiżjar.
*Dina:* U Alfred tal-forn?
*Dino:* Alfred furnar.
*Dina:* U Simon li jagħmel il-ħelu, x'ngħidulu?
*Dino:* Dulċar?
*Dina:* Ħaħa, qbadtek. Dak ngħidulu dulċier. Trid ngħidlek x'nagħmlu?
*Dino:* Għidli ħa nara!
*Dina:* Ħalli ngħidlek taqbila li għallmitna l-għalliema biex niftakru xi ħwienet u xi xogħlijiet.
*Dino:* Iva għidhieli.
*Dina:* Spiżjar fl-ispiżerija
U librar fil-librerija
Idewwina l-infermier
U jwassalna x-xufier
Tal-ħelu d-dolċerija
Għal pastizz pastizzerija
L-injam iqatta' l-mastrudaxxa
Il-pustier jitfa' l-ittri f'kaxxa
Il-ħajjat jagħmlilna l-qmis
U l-barka jtina l-qassis
Il-bennej jibnielna d-dar
Tlaqna fiha — il-ħin sar!

*Paġna 53*

**Inħawlu pjanta**

Jum fost l-oħrajn l-għalliem kien qed ikellem it-tfal tal-klassi fuq il-pjanti. Fuq l-*interactive whiteboard* uriehom kif tista' tħawwel pjanta u x'għandha bżonn biex tikber. Mark interessa ruħu immens u dakinhar stess, filgħaxija, ħareġ ma' missieru biex jixtri xi żerriegħa mill-ħanut tal-pjanti. L-għada ħa ż-żerriegħa miegħu l-iskola. Anki sħabu ġabu ż-żerriegħa biex jiżirgħuha. Iktar tard mal-ġurnata marru fil-ġnien tar-raħal biex iħawlu l-pjanta. Magħhom kien hemm l-għalliem u s-surmast. Wara li kulħadd ħawwel il-pjanti tiegħu, saqqewhom ftit. Imbagħad tard filgħaxija Mark ra lilu nnifsu u lil sħabu fuq l-aħbarijiet. Għax din kienet ġurnata differenti li fiha għamlu xi ħaġa speċjali. Għalhekk ġabuhom fuq it-televixin!

## Taqsima 6: Minn rasi sa saqajja

*Paġna 55*

Dawra durella, qabża żigarella,
Ċoff tal-bellus,
kemm inħobbu lill-għarus.
Axxa axxa, it-tifel waqa' ġol-kaxxa.

Imma t-tfal mhux ġol-kaxxa waqgħu! Kienu qed jaqbżu u jogħlew fil-kastell. Għax dal-kastell qisu għandu l-molol. Fl-antik tgħidx kemm kienu jilagħbu dawra durella ... illum aktar naqbżu fuq kastell bħal dan. U min jaqbeż fuq sieq waħda, min jagħmel kutrumbajsa, min joħodha għal wiċċu, u min għal żaqqu ... Kulħadd kuntent jaqbeż u jogħla fil-kastell!

*Paġna 63*

**Kif taħsel idejk**

Taf kif taħsel idejk sewwa? Le? Mela ħa ngħidlek kif jien: L-ewwel iftaħ il-vit u xarrab idejk. Imbagħad agħlaq il-vit u itfa' ftit sapun likwidu fuq idejk. Ogħrok idejk sewwa. Erġa' iftaħ l-ilma u laħlaħ idejk biex tneħħi r-ragħwa. Agħlaq il-vit u xxotta jdejk sewwa fix-xugaman. Issa għandek idejk nodfa! Mela tista' tibda tiekol.